# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Diċembru 2021**

Appell numru 192/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Johann AZZOPARDI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 t'Ottubru 2020 fil-konfront ta' Johann AZZOPARDI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 106880M) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' 22 ta' Jannar 2018, 20 ta' Frar 2018, 21 ta' Marzu 2018, 19 t'April 2018, 18 ta' Mejju 2018, 16 ta' Ġunju 2018, 13 t'Awissu 2018 u l-11 ta' Settembru 2018 fil-Gżejjer Maltin talli (in suċċint):

    i. li naqas li jobdi ordni tal-Pulizija meta ġie avżat bil-fomm jew b'avviż bil-miktub sabiex jattendi l-Għassa tal-Pulizija jew f'xi post ieħor indikat mill-Pulizija sabiex jippreżenta dokumenti meħtieġa mill-Pulizija;
    ii. naqas milli jagħti lil Abigail Fiorini s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala manteniment għal uliedu jew għal martu fi żmien

ħmistax il-jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew il-kuntratt kellha titħallas dik is-somma;

iii. ikkommetta reat li huwa punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu nhar id-29 ta' Mejju 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru tlieta, sabet lill-appellant AZZOPARDI ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **xaharejn priġunerija**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant AZZOPARDI appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għar-realta li kien jinsab fiha l-appellant.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi Abigail Cassar Fiorini irraportat ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar li missier iż-żewġt ulied tagħhom ċjoe Johann AZZOPARDI naqas milli jħallas il-manteniment dovut lilha bejn ix-xhur ta' 22 ta' Jannar 2018, 20 ta' Frar 2018, 21 ta' Marzu 2018, 19 t'April 2018, 18 ta' Mejju 2018, 16 ta' Ġunju 2018, 13 t'Awissu 2018 u l-11 ta' Settembru 2018 meta hekk ordnat b'digriet tal-Qorti Ċivili numru 362 tal-2014 datat 20 ta' Novembru 2014 maħruġ mill-Imħallef Abigail Lofaro.

**Ikkunsidrat**

5. Illi mis-sentenza appellata jirriżulta li l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontrih u huwa tenna din l-ammissjoni anke wara li ingħata żmien biżżejjed biex jerġa jaħsibha.

6. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) semmiet li l-appellant kien ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontrih u sabitu ħati fis-sensi tal-artikoli 7, 8, 18, 31(g) u 338(z) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

7. Ictu oculi din is-sentenza hija nulla in kwantu ma tissodisfax il-vot tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

8. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni,[1] iżda mbagħad fid-decide tagħha żiedet tgħid li "ssib lil-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal xahrejn (2) prigunerija effettiva". Din il-formula hija żbaljata minħabba li s-sejbien tal-ħtija ma ġiex ristrett għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet biss. Bil-mod kif huwa miktub id-decide tas-sentenza s-sejbien ta' ħtija ġie estiż għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-appellant (kollha) indiskriminatament. Iżda anke jekk, għall-grazzja tal-argument, dik il-Qorti riedet tfisser li "l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu" kellha tiġi moqrija fis-sens li tirreferi għall-kumplament tal-imputazzjonijiet għajr għat-tielet imputazzjoni stante l-istqarrija t'astensjoni mit-tielet imputazzjoni msemmija qabel dik il-frażi u għalhekk ikun qiegħed indirettament jingħad l-istess ħaġa, xorta jibqa' l-fatt li dik il-Qorti naqset milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi kollha li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-appellant instab ħati u kkundannat għalihom.

9. L-artikoli ċitati fid-decide tas-sentenza kienu l-artikolu 7, 8, 18, 31(g) u 338(z) tal-Kodiċi Kriminali.[2] L-artikolu tal-Liġi li jsawwar l-ewwel imputazzjoni, ossija l-artikolu 355AD(3)(4)(5) tal-Kodiċi Kriminali, ma jirriżultax li ġie inkluż fid-decide tas-sentenza minkejja li l-Qorti

---

[1] L-Avukat Ġenerali ma appellatx minn din is-sentenza u għalhekk il-motivazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara dan il-punt ma setgħux jiġu mistħarġa minn din il-Qorti.

[2] Strettament l-uniċi żewġt artikoli li kellhom jiġu ċitati ad validitatem kienu l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk il-fatt li l-artikolu 31(g) tal-Kodiċi Kriminali huwa skorrett, in kwantu l-artikolu proprju huwa 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali huwa inkonsegwenzjali f'din l-istanza.

tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni wkoll.

10. In-nullita titnissel mill-fatt li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, **għandha** tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u **ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat**.

11. In-nuqqas t'osservanza ta' dan ir-rekwiżit, iġifieri n-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li ssemmi l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li jikkontempla r-reat kien jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali u li jġib in-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

12. Illum huwa "ius receptum" li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem "ex officio".

# Deċide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u wara li qieset in-natura tal-każ, mhux l-anqas is-sentenza li ġiet inflitta, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-"doppio esame", qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**